IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.2.2015
COM(2015) 85 final

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-BANK ĊENTRALI EWROPEW U LILL-GRUPP TAL-EURO

Semestru Ewropew 2015: Valutazzjoni tal-isfidi għat-tkabbir, il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi, u r-riżultati tal-analiżi fil-fond skont ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011

{SWD(2015) 20 final sa SWD(2015) 47 final}

1. KUNTEST

Għall-ewwel darba mill-2007, l-ekonomiji tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea kollha huma mistennija li jerġgħu jikbru fl-2015[1]. L-attività ekonomika hija mistennija żżid moderatament fl-UE u fiż-żona tal-euro u li tkompli żżid il-pass fl-2016. Dan it-titjib huwa sostnut minn prezzijiet taż-żejt irħas, id-deprezzament tal-euro u l-miżuri mhux konvenzjonali tal-Bank Ċentrali Ewropew, notevolment il-programm estiż ta' xiri ta' assi tiegħu. L-effett spinta lill-fiduċja u l-implimentazzjoni rapida tal-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa tal-Kummissjoni[2] għandhom jgħinu wkoll biex tissaħħaħ l-ekonomija reali. Madankollu, l-irkupru jibqa' fraġli, l-inflazzjoni għadha baxxa ħafna u l-konsegwenzi soċjali ta' snin mingħajr tkabbir, jew tkabbir kajman għadhom akuti f'diversi Stati Membri.

F'terminu qasir, it-tbassir tat-tkabbir ekonomiku mhux se jkun għoli biżżejjed biex iwassal għal titjib notevoli fil-ħolqien tal-impjiegi. Filwaqt li fl-2015 ir-rata tal-qgħad mistennija taqa' għal 9,8 % fl-UE u 11,2 % fiż-żona tal-euro , dawn għadhom livelli għolja inaċċettabbli u s-sitwazzjoni hija agħar b'mod sinifikanti f'għadd ta' Stati Membri. Il-qgħad fost iż-żgħażagħ huwa għoli wisq u nofs dawk kollha qiegħda ilhom bla xogħol għal iktar minn sena. Fl-istess ħin, huwa ta' inkoraġġiment li wieħed jara li r-riformi tas-suq tax-xogħol li saru f'dawn l-aħħar snin f'bosta pajjiżi qed jibdew jagħtu l-frott u se jgħinu biex il-qgħad jonqos aktar fl-2016.

Qed ikomplu jonqsu d-defiċits tal-amministrazzjoni pubblika, u l-proporzjon tad-defiċit mal-PDG fl-UE huwa mistenni jinżel għal 2,6 % din is-sena u 2,2 % is-sena ta' wara (2,2 % u 1,9 % fiż-żona tal-euro). Fl-2014 fl-UE kollha l-proporzjon tad-dejn mal-PDG mistenni li jilħaq l-ogħla livell tiegħu ta' 88,4 %. Għaż-żona tal-euro, din is-sena dan għandu jilħaq l-ogħla livell tiegħu ta' 94,4 %, qabel ma jibda jonqos.

L-iżviluppi internazzjonali jżidu l-inċertezza dwar il-prospetti ekonomiċi. Dawn jinkludu l-volatilità fil-prezzijiet tal-komoditajiet u l-enerġija, kif ukoll tar-rati tal-kambju u tas-swieq finanzjarji, il-persistenza ta' tensjonijiet ġeopolitiċi fil-viċinat tal-Ewropa u attività ekonomika mnaqqsa fl-ekonomiji emerġenti.

Fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir għall-2015[3], il-Kummissjoni ppreżentat aġenda ġdida għall-impjiegi u t-tkabbir abbażi ta' tliet pilastri li jsostnu lil xulxin b'mod reċiproku:

(i) spinta koordinata lill-investiment;

(ii) impenn imġedded lejn ir-riformi strutturali;

(iii) it-twettiq tar-responsabbiltà fiskali.

Il-Kummissjoni ħabbret ukoll li se tirrazzjonalizza u tirrinforza s-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika biex tiftaħ il-proċess, issaħħaħ is-sjieda u żżid l-effettività u l-implimentazzjoni tiegħu fil-livelli kollha.

Wara dan l-approċċ ġdid, tħejja Rapport tal-Pajjiż għal kull Stat Membru[4] u għaż-żona tal-euro[5]. Dawn jivvalutaw il-progress ta' kull Stat Membru biex jindirizza l-kwistjonijiet

[1] Il-Kummissjoni Ewropea, Tbassir Ekonomiku tax-Xitwa tal-5 ta' Frar 2015.
[2] COM(2014) 903 tas-26 ta' Novembru 2014.
[3] COM(2014) 902 tat-28 ta' Novembru 2014.
[4] Ħlief il-Greċja — rapport dwar il-Greċja se jiġi ppubblikat aktar tard, fejn se jitqies is-segwitu li se jingħata lid-dikjarazzjonjiet tal-Grupp tal-Euro tal-20 u l-24 ta' Frar 2015.
[5] L-analiżi saret mill-persunal tal-Kummissjoni u tinsab fuq:

identifikati fir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż tal-2014-2015[6] u — għas-16-il Stat Membru — jinkludu wkoll l-eżitu tal-Analiżi fil-Fond ġustifikata mill-Proċedura tal-Iżbilanċ Makroekonomiku (Macroeconomic Imbalance Procedure, MIP)[7]. Fuq il-bażi ta' din l-analiżi, il-Kummissjoni tipproponi li taġġorna l-i*status* ta' għadd ta' Stati Membri skont il-Proċedura tal-Iżbilanċ Makroekonomiku.

Il-pakkett ippreżentat illum jqis ukoll is-sitwazzjoni fiskali tal-Istati Membri, abbażi tal-aħħar tbassir ekonomiku tal-Kummissjoni. Għal xi whud, dan jieħu pożizzjoni dwar passi ulterjuri skont il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (PST). Din il-valutazzjoni hija bbażata fuq l-opinjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-abbozzi tal-pjanijiet baġitarji tal-2015 għall-Istati Membri taż-żona tal-euro[8], li nħarġu f'Novembru, kif ukoll fuq il-gwida l-ġdida dwar kif jiġi żgurat li l-qafas fiskali komuni qed isostni l-aġenda tat-tkabbir u l-impjiegi tal-UE[9]li adottat il-Kummissjoni.

2. INKOMPLU L-IBBILANĊJAR MILL-ĠDID TAL-EKONOMIJA TAGĦNA

B'konsegwenza tal-kriżi ekonomika u finanzjarja qed jiġu kkoreġuti għadd ta' żbilanċi makroekonomiċi, iżda f'ċerti Stati Membri għad hemm riskji għoljin. B'mod partikolari, obbligazzjonijiet esterni kbar jagħmlu lill-pajjiżi debituri vulnerabbli, u titjib fil-kont kurrenti mhux dejjem ikun biżżejjed biex jiġi stabbilizzat l-istokk tad-dejn estern. Minkejja li t-telf fil-kompetittività tal-prezzijiet meta mqabbla mal-livelli ta' qabel il-kriżi ġie parzjalment irranġat f'għadd ta' pajjiżi debituri, il-konsolidazzjoni tat-tkabbir tal-esportazzjoni tibqa' prijorità urġenti biex jissaħħaħ it-tkabbir potenzjali. Fl-istess ħin, is-surpluses fil-kontijiet kurrenti għadhom għoljin f'xi pajjiżi oħra: dawn jirriflettu domanda domestika dgħajfa persistenti, li tidher b'mod partikolari fil-livelli baxxi ta' investiment mis-settur privat u pubbliku.

Diversi pajjiżi huma vulnerabbli minħabba livell għoli ta' dejn tal-gvern u privat. Meta jkun qed iseħħ, id-diżingranaġġ tad-dejn inaqqas it-tkabbir u l-inflazzjoni baxxa tagħmilha aktar diffiċili biex jitnaqqas il-proporzjon tad-dejn mal-PDG. Il-qgħad, b'mod partikolari l-qgħad fost iż-żgħażagħ u l-qgħad fit-tul, għadhom għoljin u flimkien ma' livelli ta' faqar li qed jiżdied f'diversi pajjiżi wasslu għal żviluppi soċjali negattivi ħafna. Dan għandu wkoll effett negattiv fuq il-prospetti tat-tkabbir. F'pajjiżi bi ħtiġijiet ta' diżingranaġġ għoli, huma meħtieġa riformi strutturali biex jitjieb il-potenzjal tat-tkabbir.

Fiż-żona tal-euro b'mod partikolari, l-inflazzjoni baxxa u d-domanda baxxa qed jipperikolaw li jżommu l-irkupru lura. X'jiġri fl-akbar ekonomiji taż-żona tal-euro se jkollu impatt importanti fuq il-partijiet kollha tal-UE. B'mod partikolari, Franza u l-Italja jeħtieġ li jindirizzaw l-ostakli għat-tkattir billi jgħaġġlu r-riformi strutturali. Fl-istess ħin, il-Ġermanja għandha bilanċ tat-tfaddil pożittiv kbir li jista' jsostni l-investiment tant meħtieġ fil-modernizzazzjoni u l-iżvilupp tal-infrastruttura. Għalhekk hija meħtieġa taħlita xierqa ta' linji ta' politika fiż-żona tal-euro biex tingħata spinta lill-fiduċja, tikkontribwixxi għall-ibbilanċjar mill-ġdid u tpoġġi l-irkupru tiegħu fuq bażi aktar stabbli. Tali taħlita tappoġġa wkoll l-azzjoni tal-politika monetarja tal-BĊE u tgħin biex terġa' tinkiseb l-istabbiltà tal-prezzijiet f'ambjent ta' inflazzjoni baxxa ħafna.

---

http://ec.europa.eu/europe2020/making-it-happen/country-specific-recommendations/index_en.htm

[6] Għall-Istati Membri bi programm ta' aġġustament makroekonomiku, ir-Rapport jiddiskuti l-progress fl-implimentazzjoni tar-riformi.

[7] L-Istati Membri koperti minn Analiżi fil-Fond huma identifikati fir-Rapport tal-Kummissjoni dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija tal-2015 (COM(2014) 904 tat-28 ta' Novembru 2014).

[8] COM(2014) 907 tat-28 ta' Novembru 2014.

[9] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, L-aħjar użu tal-flessibbiltà fir-regoli eżistenti tal-Patt tal-Istabbiltà u Tkabbir, COM(2015) 12 finali tat-13 ta' Jannar 2015.

Kaxxa 1. Aġġornamenti skont il-Proċedura tal-Iżbilanċ Makroekonomiku

Fir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija tal-2015, ippubblikat f'Novembru 2014, il-Kummissjoni ħabbret Analiżi fil-Fond (IDRs - In-Depth Reviews) tas-sitwazzjoni ta' 16-il Stat Membru: Il-Belġju, il-Bulgarija, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Irlanda, l-Italja, l-Iżvezja, il-Kroazja, in-Netherlands, il-Portugall, ir-Renju Unit, is-Slovenja, Spanja, u l-Ungerija.[10]

Fil-qafas tal-Proċedura tal-Iżbilanċ Makroekonomiku (Macroeconomic Imbalance Procedure, MIP), l-għan ta' dawn IDRs huwa li jiġi vvalutat jekk jeżistux żbilanċi u żbilanċi eċċessivi f'dawn l-Istati Membri.[11] *L-IDRs jiddiskutu kwistjonijiet bħall-evoluzzjoni tal-kontijiet esterni tal-Istati Membri, il-bilanċi tat-tfaddil u tal-investiment, ir-rati tal-kambju effettivi, l-ishma tas-suq tal-esportazzjoni, l-kompetittività tal-kostijiet u mhux tal-kostijiet, il-produttività, id-dejn privat u pubbliku, il-prezzijiet tad-djar, il-flussi tal-kreditu, is-sistemi finanzjarji, il-qgħad u varjabbli oħra. Il-muturi tal-iżbilanċi u r-riskji li jqajmu huma differenti minn ekonomija għal oħra. l-IDRs tqis ukoll id-dimensjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi taż-żona tal-euro u l-isfidi ta' politika possibbli għaż-żona tal-euro kollha kemm hi.*

Minn Novembru li għadda, is-servizzi tal-Kummissjoni kienu f'kuntatt mill-qrib mal-esperti mill-amministrazzjonijiet nazzjonali biex tanalizza l-aħħar evidenza. L-IDRs huma ppubblikati flimkien ma' din il-Komunikazzjoni bħala parti mir-Rapporti tal-Pajjiżi rispettivi. L-Anness 1 u l-Anness 3 ta' din il-Komunikazzjoni jagħtu wkoll ħarsa ġenerali lejn is-sitwazzjoni ta' kull Stat Membru.

Ir-riżultati ewlenin jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej:

- ***il-Kroazja, il-Bulgarija**, **Franza**, **il-Italja u l-Portugall** jitqiesu li qegħdin f'sitwazzjoni ta' **żbilanċ eċċessiv li jeħtieġ azzjoni politika deċiżiva u monitoraġġ speċifiku**, fosthom analiżi regolari tal-progress mill-Istati Membri kollha fil-kumitatti rilevanti fil-livell tal-UE:*
  - *Għall-Kroazja u Franza, ir-riskji ta' żbilanċi żdiedu b'mod sinifikanti. Għal Franza, dan jirrappreżenta żieda fl-istatus taħt il-proċedura meta mqabbel mas-sena li għaddiet. F'Mejju l-Kummissjoni se tikkunsidra, filwaqt li tqis il-livell ta' ambizzjoni tal-Programmi Nazzjonali ta' Riforma (PNR) u impenji oħra ppreżentati sa dik id-data jekk tirrakkomandax lill-Kunsill biex jadotta rakkomandazzjonijiet, skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament 1176/2011, li jistabbilixxu l-eżistenza ta' żbilanċ eċċessiv u li jirrakkomandaw li dawn l-Istati Membri jieħdu l-azzjoni korrettiva li tkun stabbilita fil-Pjan ta' Azzjoni Korrettiva (PAK).*
  - *Għall-Italja, l-iżbilanċi għadhom eċċessivi, u dan jeħtieġ politika deċiżiva u monitoraġġ speċifiku tar-riformi li għaddejjin u li huma ppjanati.*
  - *Għall-Bulgarija u l-Portugall, fid-dawl tas-sitwazzjoni, il-Kummissjoni se twettaq monitoraġġ speċifiku tal-politiki rakkomandati mill-Kunsill.*
- ***L-Irlanda**, **Spanja u s-Slovenja** jitqiesu li jinsabu f'sitwazzjoni ta' **żbilanċ li teħtieġ azzjoni politika deċiżiva, b'monitoraġġ speċifiku**:*
  - *Fil-każ tal-Irlanda u Spanja, dan il-monitoraġġ se jiddependi mis-sorveljanza ta' wara l-programm.*
  - *Għas-Slovenja, il-Kummissjoni tqis li seħħ aġġustament sinifikanti matul l-aħħar sena; filwaqt li fuq din il-bażi qed jiġi konkluż li l-iżbilanċi ma għadhomx eċċessivi, il-Kummissjoni tenfasizza li għad hemm riskji importanti.*
- ***Il-Ġermanja u l-Ungerija** jitqiesu li jinsabu f'sitwazzjoni ta' **żbilanċ li teħtieġ azzjoni politika deċiżiva u monitoraġġ**. Għall-Ġermanja, il-Kummissjoni tqis li ma hemm l-ebda titjib tanġibbli fix-xejriet tal-iżbilanċi identifikati l-aħħar darba u li r-reazzjoni politika ma kinitx biżżejjed sa issa.*[12]

[10] Fil-każijiet tal-Greċja u Ċipru, li attwalment qed jibbenefikaw minn għajnuna finanzjarja, is-sorveljanza tal-iżbilanċi u l-monitoraġġ tal-miżuri korrettivi seħħew fil-kuntest tal-programmi rispettivi.

[11] B'dan il-mod din il-Komunikazzjoni tissodisfa r-rekwiżit tal-Artikoli 6(1) u 7(1) tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 skont liema l-Kummissjoni tinforma lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Grupp tal-Euro dwar ir-riżultati tal-IDRs. Fis-sens tal-MIP, l-iżbilanċi huma xejriet li jagħtu lok għal żviluppi li jaffettwaw b'mod negattiv il-funzjonament tal-ekonomija ta' Stat Membru, jew l-unjoni monetarja jew l-Unjoni inġenerali; żbilanċi eċċessivi huma żbilanċi kbar, inklużi dawk li jistgħu jipperikolaw il-funzjonament xieraq tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja.

[12] Għandu jiġi nnotat li r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi jeħtieġ lill-Kummissjoni żżomm taħt analiżi l-Istati Membri li persistentement juru defiċits kbar fil-kontijiet kurrenti u telf fil-kompetittività, iżda jitlob ukoll li "fl-Istati Membri li jakkumulaw bilanċi favorevoli kbar fil-kontijiet kurrenti, il-linji ta' politika għandhom ikollhom l-għan li jidentifikaw u jimplimentaw miżuri li jsaħħu t-tisħiħ tad-domanda domestika u l-potenzjal tat-tkabbir tagħhom". (ara l-premessa 17).

Għall-Ungerija, il-Kummissjoni tqis li ma hemmx titjib tanġibbli.

- ***Il-Belġju, in-Netherlands**, **ir-Rumanija**, **il-Finlandja**, **l-Iżvezja** u **r-Renju Unit** jitqiesu li jinsabu f'sitwazzjoni ta' żbilanċ li teħtieġ **azzjoni politika u monitoraġġ**.*

Ir-riżultati tal-IDRs se jitqiesu fil-passi li jmiss tas-Semestru Ewropew ta' koordinazzjoni tal-politika ekonomika, kif spjegat hawn taħt. Għall-Istati Membri taż-żona tal-euro, il-Kummissjoni se twettaq monitoraġġ speċifiku tal-politiki rakkomandati mill-Kunsill u se tkun f'kuntatt mal-amministrazzjonijiet nazzjonali biex tiżgura s-segwitu.

3. IT-TWEĠIBIET TAL-ISTATI MEMBRI L-ISFIDI EWLENIN

Filwaqt li r-Rapporti tal-Pajjiżi juru grad differenti ta' azzjoni mill-Istati Membri biex jindirizzaw il-problemi identifikati fir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi, dawn juru wkoll li r-rakkomandazzjonijiet jidhru b'mod prominenti fl-aġenda politika domestika tal-Istati Membri li għandhom l-aktar sfidi serji. Kif jidher fl-Anness 2 ta' din il-Komunikazzjoni, hemm evidenza ta' progress f'li jinbdew jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet tal-2014-2015 fil-maġġoranza tal-każijiet, iżda n-natura ta' dan il-progress jeħtieġ jiġi kkwalifikat, ukoll fid-dawl tat-tip tal-isfidi li qed jaffrontaw kull Stat Membru u l-UE inġenerali.

Dan juri b'mod ċar li l-arranġamenti l-ġodda ta' governanza ekonomika tal-UE, jekk jiġu implimentati b'mod xieraq fil-livelli kollha, huma strumentali fl-identifikazzjoni tal-oqsma ta' prijorità għal azzjoni fil-livell nazzjonali, ħaġa li tirrifletti l-interdipendenza mill-qrib bejn l-Istati Membri. Jeżistu wkoll sinjali ċari ta' titjib f'dawk l-Istati Membri li wettqu riforma. It-taħlita flimkien tar-riformi strutturali, l-investiment u r-responsabbiltà fiskali ("it-trijanglu virtuż" tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir għall-2015), b'fokus aktar qawwi fuq il-ġustizzja soċjali u fuq id-dimensjoni soċjali tar-riformi tgħin biex jinbena pedament sod għat-tkabbir sostenibbli, koeżjoni soċjali akbar u konverġenza ekonomika. L-analiżi tal-Kummissjoni turi wkoll fejn ir-riforma insuffiċjenti fil-livell nazzjonali tnaqqas il-kompetittività u s-sostenibbiltà u jista' jkollha impatti negattivi fuq Stati Membri oħra.

3.1 Inkattru l-investiment

Wara sentejn ta' kontrazzjoni, l-investiment totali żdied bi 2,2 % fl-UE u 0,9 % fiż-żona tal-euro fl-2014. It-tkabbir tal-investiment huwa mistenni li jżid ir-ritmu mit-tieni nofs ta' din is-sena, kemm fl-UE kif ukoll fiż-żona tal-euro, biex b'hekk ir-rata tat-tkabbir annwali titla' għal 3,0 % fl-UE u 2,0 % fiż-żona tal-euro. Fl-2016, l-investiment totali mistenni jaċċellera għal 4,6 % fl-UE u 4,4 % fiż-żona tal-euro. Madankollu, l-investiment għadu taħt il-livelli meħtieġa biex iġedded u jimmodernizza l-istokk kapitali tal-Ewropa u biex ikattar b'mod sinifikanti l-impjiegi u l-potenzjal ta' tkabbir fil-futur.

L-istabbilizzazzjoni tas-settur finanzjarju u r-restawr ta' kundizzjonijiet tas-self aħjar lill-ekonomija reali huwa parti essenzjali tal-isforzi fis-seħħ. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri għamlu progress biex jirristabbilixxu bafers kapitali għas-settur bankarju tagħhom u fir-riżoluzzjoni ta' banek f'diffikultà meta meħtieġ (pereż. l-Irlanda, is-Slovenja, Spanja, ir-Renju Unit), u b'hekk ħolqu l-kondizzjonijiet għal provvista ta' kreditu aktar dinamika fil-ġejjieni. Il-valutazzjoni komprensiva tas-sena l-oħra tal-karti tal-bilanċ tal-ikbar banek mill-Bank Ċentrali Ewropew u l-bidu tat-tħaddim tal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku kkontribwew biex tissaħħaħ il-fiduċja fis-settur bankarju.

F'ħafna Stati Membri l-investiment privat għadu ma rritornax għal-livelli ta' qabel il-kriżi, għalhekk il-laguna fl-investiment għadha kbira.[13] Flimkien mal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej għall-perjodu 2014-2020, il-Pjan tal-Investiment tal-Kummissjoni għall-Ewropa se jagħti kontribut b'saħħtu biex il-livelli tal-investiment jiġu restawrati u biex jippromwovi l-investimenti ewlenin li l-Ewropa teħtieġ għat-tkabbir li joħloq l-impjiegi. Dawn jinkludu ħtiġijiet kbar fl-infrastruttura tal-enerġija sabiex jitlesta s-suq intern tal-enerġija u tas-sigurtà tal-provvista. Eżempji tajbin ta' prijoritajiet jinkludu l-interkonnetturi, pereż. "il-konnettur Baltiku" li jgħaqqad is-swieq tal-gass tal-Estonja u l-Finlandja jew l-interkonnetturi futuri bejn il-Peniżola Iberika u Franza. Hija meħtieġa wkoll infrastruttura tat-trasport u diġitali aktar moderna biex issostni aktar il-mobbiltà u l-iskambju. L-investiment fl-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni wkoll jitqies bħala prijorità fl-oqsma kollha.

F'bosta Stati Membri, il-finanzjament tal-UE għandu rwol importanti fil-finanzjament tal-investiment u r-riformi amministrattivi. Huma meħtieġa aktar miżuri sabiex tittejjeb il-ġestjoni tal-fondi tal-UE, pereżempju fil-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, il-Kroazja, l-Italja, ir-Rumanija u s-Slovakkja.

3.2 Inħaffu r-riformi strutturali

Huma meħtieġa riformi strutturali fis-swieq tas-servizzi, il-prodotti u x-xogħol biex issaħħu u jappoġġaw l-irkupru ekonomiku, jikkoreġu l-iżbilanċi dannużi, itejbu l-kundizzjonijiet għall-investiment u jeħilsu l-potenzjal tal-ekonomiji tal-Istati Membri. Fl-istess ħin, xi riformi jridu jkunu kkoordinat mill-Istati Membri sabiex jimmassimizzaw l-effetti konsegwenzjali pożittivi u jimminimizzaw dawk negattivi. L-impatt soċjali tagħhom għandhom jiġi mmonitorjat mill-qrib ukoll.

Min-nofs l-2013, il-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol tjiebu, kif jista' jidher mit-tnaqqis fir-rati tal-qgħad (anki jekk għadhom għoljin) u ż-żieda fit-tkabbir tal-impjiegi kemm fl-UE kif ukoll fiż-żona tal-euro. Madankollu, il-qgħad fost iż-żgħażagħ għadu għoli u l-qgħad fit-tul żdied mill-bidu tal-kriżi. Se jieħdu ż-żmien biex jonqsu.

Minħabba l-impatt tal-kriżi fuq is-soċjetà, bosta Stati Membri jeħtieġu jimmodernizzaw il-politiki tagħhom fis-suq tax-xogħol u tas-sistemi ta' sigurtà soċjali biex jindirizzaw l-isfidi attwali. Jeħtieġ jippromwovu l-ħolqien ta' postijiet tax-xogħol ġodda, filwaqt li fl-istess ħin jipprovdu kopertura tas-sigurtà soċjali wiesgħa, b'mod partikolari għal dawk fil-bżonn, u jindirizzaw ir-riskji tal-esklużjoni soċjali u ż-żieda fil-livelli tal-faqar. Kważi l-Istati Membri kollha għarfu dawn l-isfidi u ħadu passi biex jindirizzawhom. F'ħafna Stati Membri, hemm ħtieġa li l-pagi jiġu allinjati aħjar mal-iżviluppi fil-produttività u li jiġi żgurat li l-edukazzjoni u s-sistemi tat-taħriġ jikkorrispondu aħjar għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol. Xi Stati Membri, bħall-Estonja, qed jippjanaw jew jimplimentaw miżuri biex inaqqsu l-porzjon tat-taxxa, ta' spiss billi jimmiraw lejn tnaqqis fit-taxxi tax-xogħol speċifikament fil-kategoriji b'introjtu aktar baxx.

Sabiex jiġi indirizzat il-qgħad fost iż-żgħażagħ, issa l-Istati Membri kollha niedew Garanzija għaż-Żgħażagħ, iżda ħafna għad għandhom bżonn isaħħu l-kapaċità tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi tagħhom biex jiġġieldu l-qgħad fit-twil. Dan l-aħħar il-Kummissjoni pproponiet lill-

[13] Fl-2013, l-investiment kien għadu ta' 19,3 % tal-PDG, madwar 2 punti perċentwali inqas mill-medja storika tiegħu jekk wieħed jeskludi s-snin ta' espansjoni kontrazzjoni (ara l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2015, COM(2014) 902).

leġiżlatur tal-UE biex b'mod immedjat qiegħed għad-dispożizzjoni finanzjament addizzjonali permezz t-tnedija mill-ġdid tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ[14].

Is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol tibqa' problema f'ħafna Stati Membri. Fin-Netherlands, il-gvern promulga riforma komprensiva tal-leġiżlazzjoni tal-protezzjoni tal-impjiegi bil-għan li jitnaqqas id-duwaliżmu fis-suq tax-xogħol u titrawwem il-mobbiltà okkupazzjonali. Il-Jobs Act tal-Italja jagħmel tibdil deċiżiv fil-leġiżlazzjoni tal-protezzjoni tal-impjieg u l-benefiċċji tal-qgħad biex jitjieb id-dħul u l-ħruġ mis-suq tax-xogħol, tittejjeb ir-riallokazzjoni tax-xogħol bejn is-setturi u jiġi promoss impjieg għal żmien indeterminat aktar stabbli, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ.

Swieq tal-prodotti riformati u integrati għandhom rwol ewlieni x'jaqdu biex tiżdied il-produttività, tinkiseb mill-ġdid il-kompetittività u jitjieb l-ambjent tan-negozju, u b'hekk irawmu wkoll l-investiment produttiv privat. Xi Stati Membri ħadu miżuri biex jistimulaw il-kompetizzjoni fis-setturi tas-servizzi u tal-bejgħ bl-imnut u biex jiftħu xi professjonijiet regolati, iżda l-progress kumplessiv għadu kajman.

Fir-rigward tas-servizzi professjonali, ir-riformi proposti xi kultant huma nieqsa mill-ambizzjoni (pereż. Franza), jew jiffaċċjaw diffikultajiet biex jiġu adottati jew implimentati (pereż. fl-Italja, il-Portugall, Spanja). Il-Polonja kienet eċċezzjoni bi proċess ta' riforma ambizzjuż f'dan il-qasam li beda fl-2013 u kompla fl-2014, li huwa mistenni li jiffaċilita l-aċċess għal aktar minn 200 professjoni regolata. F'xi pajjiżi ġew adottati xi riformi limitati fil-qasam tal-imnut (pereż. il-Finlandja, Franza jew Spanja).

Il-progress fis-simplifikazzjoni l-ambjent regolatorju li fih joperaw l-intrapriżi għadu mħallat. Minkejja xi progress limitat (pereż. fl-Italja, ir-Rumanija, is-Slovenja), hemm ħtieġa ġenerali għal aktar modernizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika u biex tiżdied l-effiċjenza u t-trasparenza tagħha, l-intensifikar tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni, l-evażjoni tat-taxxa u x-xogħol mhux iddikjarat. Huwa kruċjali wkoll li titjieb l-indipendenza, il-kwalità u l-effiċjenza tas-sistemi ġudizzjarji, u l-iżgurar ta' infurzar tal-kuntratti aħjar u l-istabbiliment ta' oqfsa ta' insolvenza li jiffunzjonaw. Pereżempju fis-Slovakkja, leġislazzjoni ġdida dwar l-iżvelar ta' informazzjoni protetta (whistleblowing) ġiet adottata fl-2014 u Pjan ta' Azzjoni dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni ġie aġġornat f'Diċembru 2014.

3.3 Infittxu responsabbiltà fiskali li tiffavorixxi t-tkabbir

L-isforzi fiskali sinifikanti li saru minn bosta Stati Membri mill-2010 qed jibdew jagħtu l-frott. Dan il-proċess għadu mhux komplut u għadu meħtieġ aktar progress lejn pożizzjonijiet baġitarji sostenibbli f'għadd kbir ta' pajjiżi. Kemm fl-UE kif ukoll fiż-żona tal-euro, il-proporzjon tad-dejn mal-PDG huwa mbassar li jistabbilizza fl-2014-15 qabel ma jonqos ftit fl-2016. Xi gvernijiet issa jistgħu jużaw spazju fiskali akbar u anqas kostijiet tas-self sabiex ipaċu l-effetti negattivi qosra u jippreżentaw il-benefiċċji tar-riformi strutturali. Fl-istess ħin, hemm il-ħtieġa ta' fowkus akbar fuq it-titjib tal-effettività u l-kwalità tal-finanzi pubbliċi u fuq li jkunu jiffavorixxu t-tkabbir. Id-dejn tal-gvern żdied b'mod sinifikanti matul l-aħħar ħames snin u għadu f'livelli ogħla minn 90 % tal-PDG fil-Belġju, l-Irlanda, Spanja, Franza, l-Italja, u l-Portugall, jew f'livelli li huma ferm ogħla mil-livelli li kellhom qabel il-kriżi fil-Kroazja u s-Slovenja.

Il-pass tal-aġġustament naqqas b'mod sinifikanti, li jirrifletti kemm il-kundizzjonijiet ċikliċi kif ukoll sforz fiskali mnaqqas. Madankollu, kif jista' jidher mill-proporzjonijiet ta' dejn għoli

[14] COM(2015) 46 tal-4 ta' Frar 2015.

tagħhom, xi Stati Membri għandhom bżonn iżidu l-isforzi fiskali tagħhom sabiex jiżguraw is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi tagħhom u jevitaw infiq fuq ir-rati tal-imgħax għas-skaptu ta' nfiq aktar produttiv.

Kaxxa 2. Aġġornamenti skont il-Patt ta' Stabilità u Tkabbir

Fil-valutazzjoni tagħha tal-abbozz tal-pjanijiet baġitarji tal-2015 għall-Istati Membri taż-żona tal-euro, ippubblikata f'Novembru 2014, il-Kummissjoni indikat li għal seba' pajjiżi (il-Belġju, Spanja, Franza, l-Italja, Malta, l-Awstrija u l-Portugall), dawn il-pjanijiet joħloq riskju ta' nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Patt. Fil-każ ta' Franza, l-Italja u l-Belġju, il-Kummissjoni ħabbret ukoll li se teżamina s-sitwazzjoni vis-à-vis l-obbligi tagħhom skont il-Patt minn kmieni f'Marzu 2015, ladarba l-liġijiet baġitarji tagħhom għall-2015 ikunu ġew iffinalizzati u meta l-programmi ta' riforma strutturali tagħhom ikunu ġew stabbiliti f'aktar dettall. Sadanittant, dawn l-Istati Membri ppreżentaw informazzjoni ġdida dwar il-pjanijiet fiskali u ta' riforma tagħhom, li huma ppubblikati flimkien ma' din il-Komunikazzjoni. Kif inhi d-drawwa, il-Kummissjoni tieħu wkoll l-opportunità tal-pubblikazzjoni tal-aħħar tbassir ekonomiku tagħha biex taġġorna l-gwida tagħha.

F'dan l-isfond, il-Kummissjoni tikkonkludi hekk:

- *Il-Kummissjoni tirrakkomanda Rakkomandazzjoni tal-Kunsill ġdida lil **Franza** biex tikkoreġi d-defiċit eċċessiv tagħha sal-2017. Ir-Rakkomandazzjoni l-ġdida tinkludi miri stretti għall-perkors tal-aġġustament fiskali li se jkun meħtieġ li jiġu rispettati u se jiġu vvalutati b'mod regolari, bl-ewwel valutazzjoni ssir f'Mejju 2015. F'konformità mal-Komunikazzjoni dwar li jsir l-aħjar użu mill-flessibbiltà fir-regoli eżistenti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, dan għandu l-għan li jagħti lil Franza biżżejjed żmien biex timplimenta riformi strutturali ambizzjużi. L-ewwel elementi ta' pjan ta' riforma strutturali ġew adottati u ppubblikati mill-Gvern Franċiż fit-18 ta' Frar 2015.*
- *Il-Kummissjoni tadotta rapporti fuq is-sitwazzjoni fiskali tal-**Belġju**, l-**Italja** u l-**Finlandja** skont l-Artikolu 126(3) TFUE, fejn fihom tanalizza l-konformità tagħhom mal-kriterji tad-defiċit u d-dejn tat-Trattat. Filwaqt li dawn il-pajjiżi jidhru li mhumiex qed jissodisfaw il-valur ta' referenza tad-dejn, il-Kummissjoni tqis li l-ftuħ ta' proċedura tad-defiċit eċċessiv mhijiex ġustifikata f'dan l-istadju fid-dawl ta' fatturi ewlenien rilevanti li l-Artikolu 126(3) TFUE jeħtieġ lill-Kummissjoni tqis meta tivvaluta l-konformità tal-kriterju tad-dejn. Għall-Belġju u l-Italja, il-valutazzjoni tqis il-fatturi rilevanti li ġejjin: (i) il-kundizzjonijiet ekonomiċi sfavorevoli attwali karatterizzati minn tkabbir nominali baxx jagħmluha partikolarment diffiċli li tiġi rispettata r-regola tad-dejn; (ii) l-aspettattiva li dawn il-pajjiżi huma ġeneralment konformi mal-aġġustament meħtieġ lejn l-objettivi fuq terminu medju (OTM) u (iii) l-implimentazzjoni fis-seħħ ta' pjanijiet ta' riforma strutturali ambizzjużi. Għall-Finlandja, prima facie, l-eċċess fuq il-valur ta' referenza ta' 60 % huwa ġustifikat mis-sostenn tal-Finlandja għall-mekkaniżmi ta' stabbiltà finanzjarja fiż-żona tal-euro.*

Il-konformità mal-aġġustamenti strutturali fiskali meħtieġa u speċjalment fil-każ ta' Franza, l-Italja u l-Belġju, l-implimentazzjoni sħiħa tar-riformi strutturali ppjanati u fis-seħħ (formalment maqbula u adottati mill-gvern) hija kruċjali. Il-Kummissjoni se tiżgura l-monitoraġġ mill-qrib fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, fuq il-bażi tal-Programmi Nazzjonali ta' Riforma u tal-Programmi ta' Stabbiltà u Konverġenza li għandhom jiġu sottomessi sa nofs April, u l-monitoraġġ speċifiku/EIP (Excessive Imbalance Procedure) fil-kuntest tal-MIP kif previst għal l-Italja u Franza. Jekk wieħed minn dawn l-Istati Membri jonqos milli jimplimenta r-riformi meħtieġa, il-Kummissjoni se tikkunsidra dan bħala fattur rilevanti fir-rapporti futuri li jivvalutaw il-ħtieġa li tinbeda proċedura ta' defiċit eċċessiv (excessive deficit procedure, EDP) u, għall-Istati Membri diġà taħt l-EDP, bħala fattur aggravanti meta jiġi deċiż dwar it-tul tal-estensjoni tal-iskadenza għall-korrezzjoni f'rakkomandazzjonijiet ġodda wara l-valutazzjoni tal-azzjoni effettiva. Nuqqas ta' azzjoni effettiva fuq in-naħa fiskali se twassal għal intensifikazzjoni tal-EDP u s-sospensjoni possibbli tal-Fondi Strutturali u tal-Investiment Ewropej. Għall-Istati Membri taż-żona tal-euro, dan ifisser ukoll li l-Kummissjoni se tirrakkomanda lill-Kunsill l-

impożizzjoni ta' multa[15].

Il-Kummissjoni vvalutat ukoll ir-rispons tal-Istati Membri għar-rakkomandazzjonijiet li jappellaw għat-tisħiħ tad-dimensjoni istituzzjonali u fuq terminu itwal tal-politika fiskali tagħhom. Kif miftiehem fil-livell tal-UE, l-Istati Membri introduċew elementi ġodda bħal regoli fiskali numeriċi, oqfsa ta' terminu medju, istituzzjonijiet fiskali indipendenti u proċeduri baġitarji aħjar, iżda għad hemm progress xi jsir.

Jeħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jżidu l-isforzi biex jimmodernizzaw is-sistemi tal-pensjonijiet tagħhom. L-impatt baġitarju tal-popolazzjoni li qed tixjieħ hija sfida għas-sostenibbiltà fiskali fit-tul, b'mod partikolari f'dawk il-pajjiżi fejn il-proporzjon ta' dipendenza tal-età avvanzata[16] huwa mistenni li jiżdied b'mod sinifikanti fis-snin li ġejjin. L-infiq relatat mal-età jeħtieġ li jiġi jitnaqqas sabiex jikkontribwixxi għas-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi. Is-sħab soċjali fil-Finlandja laħqu ftehim f'Settembru 2014 dwar riforma tal-pensjonijiet li se tidħol fis-seħħ fl-2017.

Progress limitat jista' jiġi osservat ukoll fit-titjib tal-effiċjenza tal-kura tas-saħħa u sistemi ta' kura fit-tul, liema progress jiżgura li dawn qed jaħdmu sew u huma aċċessibbli, filwaqt li l-kostijiet jiġu kontenuti. Ir-Rumanija introduċiet karta tas-saħħa elettronika li se tirreġistra l-konsultazzjonijiet u l-preskrizzjonijiet kollha u se tgħin biex jiġu identifikati l-konsultazzjonijiet jew il-preskrizzjonijiet abbużivi.

4. XI JMISS?

Is-Semestru Ewropew huwa proċess importanti biex tiġi żgurata koordinazzjoni integrata tal-politika ekonomika fil-livell tal-UE. It-taħlita ta' għodda ta' sorveljanza makroekonomika u fiskali hija essenzjali għall-bini ta' aġendi ta' politika konsistenti, biex tiġi gwidata l-konverġenza tal-prestazzjoni, jiġi mmonitorjat il-progress u tiġi mmaniġjata l-interdipendenza. It-tisħiħ u s-simplifikazzjoni tas-Semestru Ewropew għandhom jimxi id f'id ma' aktar sjieda u fehim aħjar tal-proċess fil-livelli kollha.

L-analiżi li tirfed ir-Rapporti tal-Pajjiżi saret wara djalogu miftuħ mal-Istati Membri fil-livell tekniku. Is-sejbiet qed jiġu ppubblikati aktar kmieni mis-snin ta' qabel biex jippermettu firxa usa' ta' atturi fl-Istati Membri u fil-livell tal-UE jiskrutinizzaw din l-analiżi teknika, mhux biss pajjiż b'pajjiż, fil-kuntest tat-tħejjija tal-programmi nazzjonali, iżda wkoll billi wieħed iħares lejn kwistjonijiet trasversali u jidentifika temi li għandhom jiġu indirizzati b'mod aktar koordinat fil-livell tal-UE, fiż-żona tal-euro, kif ukoll minn Stati Membri individwali. F'dan ir-rigward, ir-Rapporti tal-Pajjiżi jipprovdi wkoll input għal sorveljanza multilaterali aktar profonda mill-Kunsill u l-Kumitati tiegħu, ħaġa li hija ta' importanza kritika għas-suċċess tas-Semestru Ewropew.

Il-Kummissjoni hija lesta li timpenja ruħha fid-djalogu ulterjuri fil-livelli kollha fil-ġimgħat u x-xhur li ġejjin: mal-Istati Membri, il-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali, mas-sħab soċjali, u b'mod aktar ġenerali mal-partijiet konċernati.

F'Marzu, il-Kummissjoni se torganizza ċiklu ieħor ta' laqgħat bilaterali mal-Istati Membri sabiex ikun hemm opportunità li jiġu diskussi r-Rapporti tal-Pajjiżi. Sa nofs April, l-Istati Membri huma mistennija jippreżentaw il-Programmi Nazzjonali ta' Riforma u l-Programmi ta' Stabilità jew ta' Konverġenza tagħhom. Fuq il-bażi ta' dawn is-sorsi kollha, il-Kummissjoni se tippreżenta sett ġdid u ffukat ta' Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż

[15] Ara wkoll COM(2015) 12 tat-13 ta' Jannar 2015.
[16] Imkejla bħala l-porzjon tal-popolazzjoni ta' iktar minn 65 bħala perċentwal ta' dawk bejn 15-il sena u 64 sena.

għall-2015-2016 f'Mejju, li għandhom fil-mira tagħhom l-iktar prijoritajiet importanti biex jiġu indirizzati.

Is-simplifikazzjoni u t-tisħiħ tas-Semestru Ewropew bil-ħsieb li tissaħħaħ is-sjieda u l-effikaċja tagħha se jkunu parti importanti mid-diskussjoni usa' dwar l-approfondiment tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja[17].

[17] Ara, pereżempju, in-Nota Analitika dwar "Preparing Next Steps on Better Governance in the Euro Area" imħejji għall-Kunsill Ewropew Informali tat-12 ta' Frar 2015: http://ec.europa.eu/priorities/docs/economic-governance-note_en.pdf

ANNESS 1 — SORVELJANZA INTEGRATA TAL-IŻBILANĊI MAKROEKONOMIĊI U FISKALI — TABELLA TA' HARSA ĠENERALI LI TURI L-AĠĠORNAMENTI BĦALA PARTI MINN DAN IL-PAKKETT

	Proċedura tal-Iżbilanċ Makroekonomiku (MIP)	**Il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (OTM: objettiv fuq terminu medju / EDP: proċedura ta' żbilanċ eċċessiv)**	**Kummenti**
AT	-	-	-
BE	Mhux mibdul: Żbilanċi, li jeħtieġu azzjoni ta' politika u monitoraġġ	Għadu ma laħaqx l-OTM; soġġett għar-regola tad-dejn tranżizzjonali Ir-rapport tal-Kummissjoni skont l-Art 126.3 li jikkonkludi li ma tinfetaħx EDP f'dan l-istadju	**EDP mhux miftuħa f'dan l-istadju** abbażi ta' fatturi rilevanti
BG	Bidla: Żbilanċi eċċessivi, li jeħtieġu azzjoni politika deċiżiva u monitoraġġ speċifiku	Għadha ma laħqitx l-OTM	**Intensifikazzjoni tal-MIP** li tirriżulta minn riskji oħla wara d-diffikultajiet finanzjarji fl-2014
CY	-	-	Bi programm ta' assistenza finanzjarja dedikat
CZ	-	-	-
DE	Bidla: Żbilanċi, li jeħtieġu azzjoni ta' politika deċiżiva u monitoraġġ	Tikseb u taqbeż l-OTM soġġett għar-regola tad-dejn	**Intensifikazzjoni tal-MIP** li tirriżulta minn: - investment dgħajjef persistenti surplus kbir fil-kont kurrenti flimkien ma' azzjoni politika insuffiċjenti - riskju sistemiku ikbar għaż-żona tal-euro
DK	-	-	-
EE	-	-	-
EL	-	-	Bi programm ta' assistenza finanzjarja dedikat
IE	Mhux mibdul: Żbilanċi, li jeħtieġu azzjoni politika deċiżiva u monitoraġġ speċifiku (sorveljanza wara l-programm)	Defiċit eċċessiv, skadenza għall-korrezzjoni: 2015	-
ES	Mhux mibdul: Żbilanċi, li jeħtieġu azzjoni politika deċiżiva u monitoraġġ speċifiku (sorveljanza wara l-programm)	Defiċit eċċessiv, skadenza għall-korrezzjoni: 2016	-
FR	Bidla: Żbilanċi eċċessivi, li jeħtieġu azzjoni politika deċiżiva u monitoraġġ speċifiku	Defiċit eċċessiv, skadenza għall-korrezzjoni: 2015 Rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill skont l-Art. 126.7, bl-2017 bħala skadenza għall-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv	**Intensifikazzjoni tal-MIP** li tirriżulta minn - deterjorazzjoni tal-kompetittività u s-sostenibbiltà tad-dejn pubbliku mhux imnaqqsin biżżejjed mill-miżuri mħabbra - riskju sistemiku għaż-żona tal-euro Id-deċiżjoni dwar l-attivazzjoni tal-fergħa korrettiva se tittieħed f'Mejju, fid-dawl tal-Programm Nazzjonali ta' Riforma u l-impenn ieħor lejn ir-riformi strutturali **EDP** - skadenza ġdida, inklużi miri stretti u wkoll b'kont meħud tal-pjan ta' riforma preżentat minn Franza
HR	Mhux mibdul: Żbilanċi eċċessivi, li jeħtieġu azzjoni politika deċiżiva u monitoraġġ speċifiku	Defiċit eċċessiv, skadenza għall-korrezzjoni: 2016	Id-deċiżjoni MIP dwar l-attivazzjoni tal-fergħa korrettiva se tittieħed f'Mejju, fid-dawl tal-Programm Nazzjonali ta' Riforma u l-impenn ieħor lejn ir-riformi strutturali

	Proċedura tal-Iżbilanċ Makroekonomiku (MIP)	Il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (OTM: objettiv fuq terminu medju/EDP: proċedura ta' żbilanċ eċċessiv)	Kummenti
HU	Mhux mibdul: Żbilanċi, li jeħtieġu azzjoni politika deċiżiva u monitoraġġ	Għadha ma laħqitx l-OTM; soġġett għar-regola tad-dejn tranżizzjonali	-
IT	Mhux mibdul: Żbilanċi eċċessivi, li jeħtieġu azzjoni politika deċiżiva u monitoraġġ speċifiku	Għadha ma laħqitx l-OTM; soġġett għar-regola tad-dejn tranżizzjonali Ir-rapport tal-Kummissjoni skont l-Art 126.3 li jikkonkludi li ma tinfetaħx EDP f'dan l-istadju	MIP: *Status quo*, fid-dawl tal-pjan ta' riforma diġà sottomess u li se jiġi mmonitorjat mill-qrib **EDP mhux miftuħa f'dan l-istadju** abbażi ta' fatturi rilevanti
LT	-	-	-
LU	-	-	-
LV	-	-	-
MT	-	-	-
NL	Mhux mibdul: Żbilanċi, li jeħtieġu monitoraġġ u azzjoni ta' politika.	Ma laħqux l-OTM; soġġett għar-regola tad-dejn tranżizzjonali	-
PL	-	-	-
PT	Bidla: Żbilanċi eċċessivi, li jeħtieġu azzjoni politika deċiżiva u monitoraġġ speċifiku (sorveljanza wara l-programm)	Defiċit eċċessiv, skadenza għall-korrezzjoni: 2015	Deċiżjoni MIP (wara l-ħruġ mill-programm) li tirriżulta minn livelli għolja ta' dejn, kemm internament u bejn is-setturi.
SI	Bidla: Żbilanċi, li jeħtieġu azzjoni politika deċiżiva u monitoraġġ speċifiku	Defiċit eċċessiv, skadenza għall-korrezzjoni: 2015	**Disintensifikazzjoni MIP** li tirriżulta minn titjib fil-pożizzjoni esterna tagħha u fis-settur bankarju
SE	Mhux mibdul: Żbilanċi, li jeħtieġu azzjoni ta' politika u monitoraġġ	Laħqet l-OTM tagħha	
SK	-	-	-
RO	Bidla: Żbilanċi, li jeħtieġu azzjoni ta' politika u monitoraġġ	Għadha ma laħqitx l-OTM	Deċiżjoni MIP li tirriżulta mill-pożizzjoni esterna u l-kompetittività dgħajfa
FI	Mhux mibdul: Żbilanċi, li jeħtieġu azzjoni ta' politika u monitoraġġ	Għadha ma laħqitx l-OTM Ir-rapport tal-Kummissjoni skont l-Art. 126.3 li jikkonkludi li ma għandhiex tinfetaħ EDP f'dan l-istadju	**EDP mhux miftuħa f'dan l-istadju** abbażi ta' fatturi rilevanti
UK	Mhux mibdul: Żbilanċi, li jeħtieġu azzjoni ta' politika u monitoraġġ	Defiċit eċċessiv, skadenza għall-korrezzjoni: 2014-15	


(*) Ir-Rakkomandazzjonijiet skont it-"2-pack" (Ir-Reg. Nru 473/2013) dwar miżuri li għandhom jittieħdu sabiex tiġi żgurata korrezzjoni f'waqtha tad-defiċit eċċessiv tal-gvern jikkonċernaw biss l-Istati Membri fiż-żona tal-euro.

ANNESS 2: IMPLIMENTAZZJONI TAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET SPEĊIFIĊI SKONT L-ISTATI MEMBRI

Tmien xhur wara li ġew proposti r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż tal-2014-2015 mill-Kummissjoni Ewropea u sussegwentement approvati mill-Istati Membri, l-ewwel analiżi tal-implimentazzjoni tagħhom sa issa turi xi xejriet pożittivi. Aktar dettall huwa disponibbli fit-tabella ta' ħarsa ġenerali ppreżentata f'kull Rapport tal-Pajjiż.

Il-grafika ta' hawn taħt hija bbażata fuq analiżi tal-progress tal-Istati Membri biex jindirizzaw il-problemi individwali identifikati fir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż. Ma tinkludix il-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-Istati Membri skont il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Saret għal skopijiet illustrattivi biss u fiha xi limitazzjonijiet metodoloġiċi: Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż mhumiex kollha ugwalment faċli biex jiġu implimentati, b'xi wħud oġġettivament aktar diffiċli biex jinkisbu minn oħrajn. Pereżempju, dejjem hemm bżonn li jgħaddi ż-żmien bejn il-preparazzjoni ta' inizjattiva, id-diskussjoni tagħha fil-konsultazzjoni u l-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet nazzjonali, l-implimentazzjoni tagħha fil-post u l-evalwazzjoni tal-impatt. Din hija r-raġuni għaliex l-analiżi tal-Kummissjoni ma tistax tiġi ridotta għal eżerċizzju "ta' verifika ta' elenku" u jridu essenzjalment jibqgħu kwalitattivi, anki jekk il-valutazzjoni kwantitattiva tagħti l-ewwel impressjoni dwar ir-rieda u l-ħila tal-Istati Membri li jimplimentaw ir-riformi li jaqblu dwarhom fil-Kunsill.

Il-progress tal-Istati Membri f'li jindirizzaw il-kwistjonijiet ewlenin identifikati fir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż tal-2014-2015



Eżempji ta' riformi li saru

Implimentazzjoni sħiħa	Għadd konsiderevoli ta' rakkomandazzjonijiet jistgħu jitqiesu bħala implimentati bis-sħiħ. Dawn jinkludu riformi importanti tas-suq tax-xogħol (il-Kroazja), it-tisħiħ ulterjuri fis-settur bankarju (l-Irlanda), it-tisħiħ tal-qafas fiskali (Malta) jew iż-żieda tal-età statutorja tal-irtirar (in-Netherlands).
Progress sostanzjali	Jista' jiġi nnotat progress sostanzjali f'għadd kbir ta' oqsma ta' politika importanti ħafna, bħal li jiġi żgurat aċċess aħjar tal-SMEs għall-finanzi (ir-Renju Unit, Spanja u l-Irlanda), li javvanza l-proċess ta' ristrutturar bankarju (is-Slovenja), it-tnaqqis tal-piż tat-taxxa fuq dawk bi dħul baxx (ir-Rumanija), ir-riforma tal-qafas tal-insolvenza (il-Latvja), l-ilħiq taż-żgħażagħ qiegħda (il-Kroazja), jew it-tisħiħ tal-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni (l-Awstrija).
Xi progress jew progress limitat	Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet sar xi progress jew progress limitat. Dan jinkludi b'mod partikolari miżuri tal-politika attiva tax-xogħol (l-Iżvezja, is-Slovakkja u s-Slovenja), il-ġlieda kontra l-ekonomija s-sewda (Spanja, l-Italja), ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika (Spanja), tħejji ta' riformi għas-sistema tal-pensjonijiet (l-Awstrija), l-aċċellerazzjoni l-kopertura fissa tal-broadband (il-Polonja), ir-riforma fis-settur tas-saħħa (is-Slovenja, ir-Rumanija, il-Ġermanja jew l-Awstrija) jew it-teħid ta' miżuri biex titjieb il-konformità mat-taxxa (l-Ungerija).
L-ebda progress	Ftit li xejn rakkomandazzjonijiet ma ġew indirizzati xejn mill-Istati Membri. Il-problemi jvarjaw mit-tisħiħ tal-aspetti istituzzjonali tal-oqfsa baġitarji (l-Ungerija, l-Estonja, il-Polonja, l-Irlanda), ir-riforma tas-swieq tal-enerġija (ir-Rumanija, is-Slovakkja), ir-riforma tal-mekkaniżmu tal-iffissar tas-salarji (il-Lussemburgu, ir-Rumanija) jew l-indirizzar tal-kwistjoni tal-pensjonijiet (il-Ġermanja, il-Bulgarija).

ANNESS 3: SEJBIET MILL-ANALIŻI FIL-FOND SKONT L-ISTAT MEMBRU

- **Il-Belġju** qiegħed jesperjenza *żbilanċi makroekonomiċi, li jeħtieġu azzjoni politika u monitoraġġ*. L-iżviluppi fir-rigward tal-kompetitività esterna tal-prodotti jkomplu jippreżentaw riskji u jistħoqqilhom l-attenzjoni, peress li deterjorament imġedded jista' jhedded l-istabbiltà makroekonomika. Azzjoni ulterjuri biex tiġi żgurata l-konverġenza tal-parametri tal-kost tnaqqas ir-rata li bih qed jonqsu l-impjiegi fis-settur kummerċjabbli, filwaqt li spostament tat-taxxa lejn bażijiet ta' taxxa mhux tax-xogħol jista' jsaħħaħ il-progress tanġibbli li qed isir sabiex jidjieq id-distakk tal-kostijiet storiku. Id-dejn pubbliku għadu għoli, imma bosta fatturi jimmitigaw ir-riskji makroekonomiċi assoċjati.
- **Il-Bulgarija** qiegħda tesperjenza *żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi li jeħtieġu azzjoni politika deċiżiva u monitoraġġ speċifiku.* B'mod partikulari, it-turbolenza fis-settur finanzjarju fl-2014 qajmet mistoqsijiet dwar l-eżistenza tal-prattiċi bankarji fil-parti b'sjieda domestika, b'implikazzjonijiet potenzjalment sinifikanti għas-settur finanzjarju u għall-istabbiltà makroekonomika kumplessiva. Barra minn dan, il-pożizzjoni esterna li għadha negattiva imma li qed titjieb, l-ingranaġġ korporattiv eċċessiv u l-aġġustament dgħajjef tas-suq tax-xogħol jibqgħu jponu riskji makroekonomiċi u jistħoqqilhom attenzjoni mill-qrib.
- **Il-Ġermanja** qiegħda tesperjenza *żbilanċi makroekonomiċi, li jeħtieġu azzjoni politika deċiżiva u monitoraġġ.* Żdiedu r-riskji fid-dawl tal-persistenza ta' investiment privat u pubbliku insuffiċjenti, li qed iżżomm lura t-tkabbir u jikkontribwixxu għas-surplus fil-kont kurrenti għoli ħafna li jkompli jistħoqqlu attenzjoni mill-qrib. Il-bżonn ta' azzjoni biex jitnaqqas ir-riskju ta' effetti avversi fuq l-ekonomija Ġermaniża u, meta wieħed iqis id-daqs tagħha, ta' effetti negattivi konsegwenzjali għall-unjoni ekonomika u monetarja, huwa partikolarment importanti.
- **L-Irlanda** qiegħda tesperjenza *żbilanċi makroekonomiċi, li jeħtieġu azzjoni politika deċiżiva u monitoraġġ speċifiku.* L-Irlanda temmet il-programm ta' assistenza finanzjarja UE-FMI fl-2013 u bħalissa hija soġġetta għal sorveljanza ta' wara l-programm u sorveljanza tas-Semestru Ewropew. Minkejja titjib notevoli fil-perspettiva ekonomika, hemm riskji relatati mal-livelli għoljin ta' pożizzjoni ta' dejn fis-setturi privati u pubbliċi; l-isfidi li fadal fis-settur finanzjarju, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-profittabilità tal-banek, u l-aġġustament tas-suq tax-xogħol karaterizzat minn qgħad strutturali għoli, għadhom jeħtieġu attenzjoni mill-qrib.
- **Spanja** qiegħda tesperjenza *żbilanċi makroekonomiċi, li jeħtieġu azzjoni politika deċiżiva u monitoraġġ speċifiku.* Sġanja ħarġet mill-programm ta' assistenza finanzjarja għar-rikapitalizzazzjoni tal-istituzzjonijiet finazjarji fl-2014 u bħalissa hija soġġetta għas-sorveljanza ta' wara l-programm u s-sorveljanza tas-Semestru Ewropew. Minkejja xi titjib fir-riekwilibriju tal-kont kurrenti, ir-riskji relatati mal-livelli għoljin tad-dejn fis-setturi privati u pubbliċi, u l-pożizzjoni ta' investiment internazzjonali netta negattiva ferm ikomplu jistħoqqilhom attenzjoni mill-qrib fil-kuntest ta' qgħad għoli ħafna. Il-bżonn ta' azzjoni biex jitnaqqas ir-riskju tal-effett avversi fuq l-ekonomija Spanjola u, meta wieħed iqis id-daqs tagħha, ta' effetti negattivi konsegwenzjali għall-unjoni ekonomika u monetarja, huwa partikolarment importanti.
- **Franza** qiegħda tesperjenza *żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi li jeħtieġu azzjoni politika deċiżiva u monitoraġġ speċifiku*. F'Mejju, abbażi tal-Programm Nazzjonali ta' Riforma (PNR) u impenji lejn riformi strutturali mħabbra sa dik id-data, il-Kummissjoni se tieħu d-deċiżjoni li tattiva l-Proċedura ta' Żbilanċ Eċċessiv (Excessive Imbalance Procedure,

EIP). Fil-kuntest ta' tkabbir baxx u inflazzjoni baxxa, imżewġa mal-proffitabilità fqira tal-kumpaniji, u meta jitqies ir-rispons insuffiċjenti tal-politika sa issa, ir-riskji li joħorġu mid-deterjorament tal-kompetittività tal-kost u mhux tal-kost u mid-dejn għoli u li qed jogħla Franċiż, b'mod partikolari d-dejn pubbliku, żdiedu b'mod sinifikanti. Il-bżonn ta' azzjoni biex jitnaqqas ir-riskju ta' effett avversi fuq l-ekonomija Franċiża u, meta wieħed iqis id-daqs tagħha, ta' effetti negattivi konsegwenzjali għall-unjoni ekonomika u monetarja, huwa partikolarment importanti.

- **Il-Kroazja** qiegħda tesperjenza *żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi li jeħtieġu azzjoni politika deċiżiva u monitoraġġ speċifiku*. F'Mejju, abbażi tal-Programm Nazzjonali ta' Riforma (PNR) u impenji lejn riformi strutturali mħabbra sa dik id-data, il-Kummissjoni se tieħu d-deċiżjoni li tattiva l-Proċedura ta' Żbilanċ Eċċessiv (EIP). Fil-kunest ta' tkabbir batut, ristrutturar tal-kumpaniji tittardjat u l-prestazzjoni miżera tal-impjiegi, ir-riskji marbuta mal-kompetittività dgħajfa, obbligazzjonijiet esterni kbar u dejn pubbliku li qed jiżdied imżewweġ ma' governanza tas-settur pubbliku dgħajfa, żdiedu b'mod sinifikanti.

- **L-Italja** qiegħda tesperjenza *żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi li jeħtieġu azzjoni politika deċiżiva u monitoraġġ speċifiku*. Fil-kuntest ta' tkabbir dgħajjef dewwiemi u produttività persistement baxxa, ir-riskji li jinbtu mil-livell għoli ħafna ta' dejn pubbliku u d-dgħufija tal-kompetittività kemm tal-kost u mhux tal-kost żdiedu b'mod sinifikanti. Il-bżonn ta' azzjoni biex jitnaqqas ir-riskju ta' effett avversi fuq l-ekonomija Taljana u, meta wieħed iqis id-daqs tagħha, ta' effetti negattivi konsegwenzjali għall-unjoni ekonomika u monetarja, huwa partikolarment importanti.

- **L-Ungerija** qiegħda tesperjenza *żbilanċi makroekonomiċi, li jeħtieġu azzjoni politika deċiżiva u monitoraġġ*. B'mod partikolari, riskji li jinbtu mill-pożizzjoni netta internazzjonali li għadha negattiva ħafna, minkejja xi progress fir-riekwilibriju tal-kontijiet esterni, il-livell għoli tad-dejn pubbliku kif ukoll il-piż regolatorju għoli fuq is-settur finanzjarju u livell għoli ta' self improduttiv, li jagħmel it-tnaqqis tal-ingranaġġ diffiċli, jibqa' jistħoqqilhom l-attenzjoni.

- **In-Netherlands** qiegħda tesperjenza *żbilanċi makroekonomiċi, li jeħtieġu azzjoni politika u monitoraġġ*. Riskji li jinbtu mil-livell għoli tad-dejn privat għadhom preżenti u jistħoqqilhom l-attenzjoni għalkemm miżuri reċenti jappoġġaw irkupru fis-suq immobbiljarju u t-trażżin tat-tkabbir fil-mutwi ipotekarji. Filwaqt li s-surplus fil-kont kurrenti għoli huwa parzjalment traċċabbli għal karatteristiċi strutturali tal-ekonomija, l-istruttura tas-sistemi tal-pensjoni u tat-taxxa jistgħu potenzjalment ikunu sors ta' allokazzjoni ineffiċjenti tal-kapital.

- Il-**Portugall** qiegħed jesperjenza *żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi li jeħtieġu azzjoni politika deċiżiva u monitoraġġ speċifiku*. Il-Portugall ħareġ mill-programm ta' aġġustament makroekonomiku fl-2014 u bħalissa huwa soġġett għal sorveljanza ta' wara l-programm u sorveljanza tas-Semestru Ewropew. Minkejja l-progress konsiderevoli miksub waqt il-programm, kemm fir-rigward tal-aġġustament u l-politiki ekonomiċi, riskji sinifikanti jibqgħu marbuta mal-livelli għoljin tad-dejn, kemm internament kif ukoll esternalment, u fuq firxa ta' setturi varji, u jistħoqqilhom attenzjoni mill-qrib. Hemm ukoll pressjonijiet tat-tnaqqis fl-ingranaġġ b'saħħithom fil-kuntest ta' tkabbir baxx, inflazzjoni baxxa u qgħad għoli.

- **Is-Slovenja** qiegħda tesperjenza *żbilanċi makroekonomiċi, li jeħtieġu azzjoni politika deċiżiva u monitoraġġ speċifiku*. Ir-riekwilibriju għadu għaddej u azzjoni politiki deċiżivi kumplessivi, prestazzjoni tal-esportazzjonijiet u kundizzjonijiet tat-tkabbir imtejba naqqsu r-riskji meta mqabbla mas-sena l-oħra, b'mod partikolari dawk marbuta mas-sostenibbiltà esterna. Madankollu, governanza korporattiva dgħajfa, livell għoli ta' ta' pussess mill-istat,

ingranaġġ korporattiv li għadu għoli, u dejn pubbliku li qed jiżdied iponu riskji għall-istabbiltà u t-tkabbir finanzjarju u jistħoqqilhom attenzjoni mill-qrib. L-iżbilanċi għalhekk ma għadhomx meqjusa bħala eċċessivi imma xorta jibqgħu jeħtieġu l-attenzjoni mill-qrib.

- **Il-Finlandja** qiegħda tesperjenza *żbilanċi makroekonomiċi, li jeħtieġu azzjoni politika u monitoraġġ*. B'mod partikolari, ir-riskji relatati mal-prestazzjoni dgħajfa tal-esportazzjoni fil-kuntest ta' ristrutturar industrijali jistħoqqilhom l-attenzjoni. Filwaqt li t-tnaqqis fl-ishma tas-suq tal-esportazzjoni u l-industriji tal-manifattura fil-biċċa l-kbira tiegħu spiċċa, l-investiment għadu baxx u t-tkabbir potenzjali naqas. Id-dejn tas-settur privat stabbilizza u ma jidhirx li huwa sors ta' tħassib immedjat, iżda l-livell relattivament għoli tiegħu jeħtieġ monitoraġġ mill-qrib.
- **L-Iżvezja** qiegħda tesperjenza *żbilanċi makroekonomiċi, li jeħtieġu azzjoni politika u monitoraġġ*. B'mod partikolari, id-dejn tal-unitajiet domestiċi jibqa' f'livelli għoljin ħafna u għadu jespandi bħala riżultat tal-prezzijiet tad-djar li qed jiżdiedu, rati tal-imgħax persistentement baxxi, inċentivi ta' taxxa li għadhom għoljin u l-limiti tal-provvista tad-djar. Żviluppi makroekonomiċi marbutin mad-dejn privat jibqa' jistħoqqilhom l-attenzjoni.
- **Ir-Rumanija** qiegħda tesperjenza *żbilanċi makroekonomiċi, li jeħtieġu azzjoni politika u monitoraġġ*. Fit-tliet programmi UE-FMI konsekuttivi, l-iżbilanċi esterni u interni tnaqqsu b'mod sinifikanti. Madankollu, ir-riskji mill-pożizzjoni ta' investiment internazzjonali netta negattiva ħafna u l-kapaċità tal-esportazzjoni fuq terminu medju dgħajfa jistħoqqilhom l-attenzjoni. Barra minn hekk, l-istabbiltà fis-settur finanzjarju ġiet preservata s'issa, iżda jibqgħu preżenti vulnerabbiltajiet esterni u interni fis-settur bankarju.
- **Ir-Renju Unit** qiegħed jesperjenza *żbilanċi makroekonomiċi, li jeħtieġu azzjoni politika u monitoraġġ*. B'mod partikolari, ir-riskji marbuta mal-livell għoli tad-dejn tal-unitajiet domestiċi, konnessi wkoll ma' karatteristiċi strutturali tas-suq tad-djar, għad jistħoqqilhom l-attenzjoni. Ir-reżiljenza tal-ekonomija u s-settur finanzjarju żdiedet. Madankollu, in-nuqqas ta' djar se jkompli u aktarx jirfed prezzijiet tad-djar għoljin fit-terminu medju u jkompli jagħmel is-settur inqas reżiljenti kontra r-riskji.